

Brussell, 22 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10752/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0359(COD)**

**CODEC 1236
SIMPL 150
ANTICI 156
DATAPROTECT 210
CYBER 304
TELECOM 329**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2024/1689, (UE) 2018/1139 u (UE) 2023/1230 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni ta' regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (Omnibus Diġitali dwar l-IA) (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fid-19 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE.
2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-13 ta' Marzu 2026².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-18 ta' Marzu 2026³.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-7 ta' Mejju 2026⁴.

¹ 15708/25.

² ĠU C, C/2026/2285, 15.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2285/oj>.

³ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

⁴ Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

5. Fis-16 ta' Ġunju 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁵. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 30/26, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ 10599/26.